MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 1014/2006

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Joseph Desira (ID-279577-M) u**
**Awtorita Dwar it-Trasport ta` Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Novembru, 2006, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom in solidum bejniethom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,347.40c illum ekwivalenti ghal Euro3,138.60c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati fl-infrastruttura tas-socjeta` attrici gewwa Triq Santa Tereza, Bormla u dana skond kif jirrizulta minn fattura numru 13689 datata 20 ta` Novembru, 2003 u zewg ittri ufficcjali datati 24 ta` Ottubru, 2005.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz immarkati Dok. A sa Dok. D.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut Joseph Desira datata 19 ta` Dicembru, 2006 permezz ta` liema kien gie eccepit in linea preliminari l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna ai termini ta` l-artikolu 2153 Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta oltre eccezzjonijiet ohra sew ta` natura preliminari wkoll u kif ukoll fil-meritu.

Ra r-risposta pprezentata mill-Awtorita` konvenuta datata 28 ta` Dicembru, 2006 bis-sahha ta` liema kkontestat it-talba attrici fis-sens li ssostni li hija ma tistax titqies bhala l-legittimu kontradittur f'dan il-kaz peress illi ma kkawzat ebda danni kif gia` jirrizulta mir-rapport tal-pulizija Dok. C pprezentat mill-istess socjeta` attrici apparti l-fatt li s-socjeta` attrici naqqset li tindika d-data ta` l-allegat incident. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal datata 18 ta` Mejju, 2007 in forza ta` liema kienet giet akkolta l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Desira, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici u ordna l-prosegwiment tal-kaz kontra l-Awtorita` konvenuta.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidra.

Illi s-surgent tal-Pulizija numru 85 Cyrill Butters ipprezenta r-rapport maghmul minnu datat 27 ta` Ottubru, 2003 immarkat Dok. CB1 u kkonferma bil-gurament tieghu li Joseph Desira, l-kuntrattur li hadem fuq il-post, kien stqarr mieghu li fejn ghamel il-hofra ma kinietx immarkata mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma setax jintebah bil-moghdija tal-cable minn taht. Skond dan ix-xhud kien gie rapportat

lilu minn ufficcjal tas-socjeta` attrici li kien intlaqat xi cable tat-telephone precizament fejn kien qed isir xoghol ghal pedestrian crossing.

Brian Lofredo, agent segretarju ezekuttiv mill-Kunsill ta` Bormla, xehed illi sa fejn jiftakar il-kuntrattur kien gie mqabbad mill-Awtorita` Dwar it-Trasport u mhux mill-Kunsill Lokali.

Victor Busuttil, technical executive mas-socjeta` attrici stqarr li ma saritlu ebda talba mill-Awtorita` konvenuta biex jinghataw il-marki fuq is-sit in kwistjoni peress li kienu ser jigu ezekwiti xi trenching works. Illi ghalhekk ebda ufficcjal tas-socjeta` attrici ma` mar jimmarka s-sit qabel ma bdew jigu ezegwiti l-istess xogholijiet li waslu ghal kawza tal-hsara. In kontro-ezami dan ix-xhud jistqarr li normalment ikun il-kontrattur li jaghmel it-talba minn qabel dwar ix-xogholijiet prospettati.

Il-Perit Daniel Cordina li jahdem ma` l-Awtorita` konvenuta jistqarr li meta l-Awtorita` tinkariga xi kuntrattur biex jahdem fuq xoghol ta` entita` zghira bhal per ezempju l-pelican lights in kwistjoni jinhareg permess maghruf bhala l-PMR u in segwitu jkun l-obbligu ta` l-istess kuntrattur u mhux ta` l-Awtorita sabiex jigu nformati l-entitajiet kollha koncernati b'dan ix-xoghol qabel ma jinbeda sabiex jimmarkawlu s-servizzi li jkunu ghaddejjin. Din hija l-prassi normali f'kazijiet simili.

Joseph Portelli li wkoll jahdem ma` l-Awtorita` konvenuta ezebixxa l-permess maghruf bhala l-PMR datat 20 ta` Ottubru, 2003 immarkat Dok. JP1 u mahrug fuq isem il-konvenut Desira. Dan ix-xhud ukoll jikkonferma li huwa l-obbligu tal-kuntrattur li jindaga minn qabel ma` l-entitajiet l-ohra dwar il-moghdija o meno ta` servizzi fejn ikun ser jigi attwat l-istess xoghol. Kif gia` osservat hawn fuq dan il-fatt gie anke kkonfermat minn Victor Busuttil technical executive mas-socjeta` attrici. Fil-fatt huwa jistqarr li qatt ma kien avvicina lis-socjeta` attrici fuq dan ix-xoghol pero` anqas ma` l-istess socjeta ma kienet avvicinatu fuq l-allegati hsarat.

Illi mill-assjem tal-provi ghandu jirrizulta mhux kontestat illi l-kuntrattur konvenut Desira kien gie mqabbad mill-Awtorita` konvenuta u li ebda wiehed minnhom ma ghamel talba minn qabel mas-socjeta` attrici dwar ix-xogholijiet ippjanati. Il-kwistjoni kollha tirriduci ruhha ghall-fatt jekk tali talba kinietx obbligu tal-kuntrattur kif qed jigi argumentat mill-Awtorita` konvenuta jew kienx obbligu ta` l-istess Awtorita` u kwindi n-nuqqas taghha tirrendiha responsabbli ghall-akkadut. Fil-fatt il-konsulent legali tas-socjeta` attrici jargumenta illi l-Awtorita` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli minhabba nuqqas ta` agir taghha li tassikura li jew hi stess jew il-konvenut Desira jinformaw lill-entitajiet dwar ix-xogholijiet li kienu ser isiru sabiex tigi evitata hsara. Giet kwotata s-sentenza fl-ismijiet Pace vs Muscat citazz numru 119/91 PS deciza fis-16 ta` Gunju, 2003 fejn sabet lil missier responsabbli ghall-agir ta` ibnu li kkawza l-hsara peress li ma espletax l-obbligu tieghu bhala missier biex ihares b'diligenza dak li seta` jikkombina ibnu stess. B'riferenza ghal din is-sentenza, s-socjeta` attrici qieghdha tipprova tiehu l-ispunt fuq il-principju tal-*culpa in vigilando* u cioe` li l-Awtorita` konvenuta hija responsabbli fin-nuqqas taghha li tassikura li l-kuntrattur japplika ghal permess minghand l-entitajiet qabel jibda` x-xogholijiet u kwindi mhux daqstant il-ghaliex l-istess Awtorita` ma applikatx hi stess. Difatti kif gia` ssemma aktar il-fuq, ufficcjal tas-socjeta` attrici stess xehed li huwa l-kuntrattur li normalment idahhal tali applikazzjoni.

Illi mill-banda l-ohra, l-Awtorita` konvenuta tafferma li l-permess moghti lill-Kuntrattur (Vide Dok JP1, a fol 74) jaghmilha cara li tali obbligu jinkombi fuq il-kuntrattur u mhux fuqha. Jidher li dan l-argument jinsab imnizzel mill-ewwel kondizzjoni li tghid li l-entitajiet l-ohra ghandhom jinghataw pre-avviz ta` tliet ijiem u fl-ahhar tad-dokument hemm dikjarazzjoni ffirmata mill-kuntrattur li jghid li huwa konsapevoli ta` tali kondizzjonijiet marbuta ma` l-imsemmi permess. Illi ghalhekk f'dan l-isfond, ghalkemm id-dicitura ngliza uzata f'din l-ewwel kondizzjoni tinsab redatta b'mod konfuza u ekwivoka, pero` msahha mill-prova migjuba li l-kompitu ta` l-applikazzjoni jinkombi fuq il-kuntrattur, ma jarax il-ghala ghandu jsib lill-Awtorita` konvenuta

responsabbli ghan-nuqqasijiet adoperati mill-kuntrattur Desira.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz fil-konfront tal-konvenut Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta billi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess Awtorita` u kwindi jirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------